# ĠANNI GRIMA, Poeta Minsi

*Ġanni Grima huwa wieħed mill-poeti maltin li tista' tgħid huma minsijin għal kollox. Biex infakkru lil Qarrejja maltin f' dan il-kittieb u s-sengħa li kellu fil-ħidma tal-versi se nġibu hawn taħt it-tielet strofa ta' Poema ta' Byron PARISINA li hu qaleb bil-malti u li dehret fil-Qari Malti ta' Port Said fis-sena 1928*

Għalihom x'inhi dinja barra minnhom
Bi bdul iż-żmien, bi bdu il-frugħ u l-mili?
Il-ħlejjaq tagħna kollha, l-art u s-sema
Xejn m'huma għal magħhom l-anqas għal għajnejhom.
Bla ħsieb ta' xejn: għalihom kollox mejjet
Kull ħaġa, l'hemm madwarhom, fuqhom, taħthom;
Bħall kieku barra minnhom intemm kollox,
Biss huma għadhom ħajjin, biss għal xulxin.
Ferħ huwa sa l-istess tnegħid minn tagħhom,
Hekk kbir illi kieku m'għedewx minnu,
Edak il-ħieni ġenn kien sigur jaqsam
Lil dawk il-qlub, li bla żamm minnhom ħareġ.
Fil-ħtija, fit-tiġrib, kien' huma jaħsbu,
Mitlufa, f' dik il-ħolma kollha mħabba?
Minn qatt li kien taħt din setgħet l-imħabba
Mar beża' nkella tnikker f'dik is-sigħa?
Min basar li bhar-riħ dak il-ħin jgħaddi?
Iżd' ara! l-ħin qasir tal-hena spiċċa!
Jaħasra, mhux li konna dlonk nistembħu
Sew awl-in-nebħ li ħin hekk ma jżidx jasal!

# X'INHU L-ĠENS MALTI?

Dil-mistoqsija spiss nisimgħuha mill-barranin ta' ma' dwarna l-iktar minn dik l-għodwa tal-11 ta' Ġunju 1940, jum li fih l-Italja daħlet fil-gwerra u jum li fih il-Maltin bdew juru lid-dinja ta' liema għamra tal-azzar huma. Sa dak il-jum ġnus oħra ftit kienu jafu bina u għalihom il-Maltin ma kienux ħlief ftit nies li jgħammru fi gżejjer żgħar f'nofs il-Mediterran; nies ta' l-ebda ħtieġa, nies tax-xtut li jgħixu mill-baħar ta' ma' dwarhom. Il-ġrajja tagħna — dik il-ġrajja li turi tajjeb li din mhix l-ewwel darba li aħna salvajna lill-Ewropa mill-madmad tat-tiranni — ma kienitx magħrufa għajr minn ftit studjużi u, ngħiduh b'wiċċna minn quddiem, saħansitra kotra ta' Maltin ftit kienu jafu jew iħabblu moħħom għall-kobor tagħha. Riedet tkun il-gwerra, u sewwa sew gwerra li ġiebet lil Malta fin-nofs tat-taqbida, sabiex tinqaleb il-folja. Għall-ewwel jiem tad-dħul ta' l-Italja fil-gwerra kulħadd ħaseb li fi ftit ġranet pajjiżna se jaqa' bħal borra u l-poplu żgħir tagħna se jitwerwer u jċiedi mat-tfigħ ta' l-ewwel bomba. Dak li ġie wara, issa qiegħed igħaġġeb lid-dinja, u l-ġnus ta' wrajna għad jaqrawh bil-qima fl-istorja li se tinkiteb: Mela l-lum kulħadd qed isaqsi: «Minn fejn hu mnissel dal-ġens qalbieni li għaġġibna?»

Kif għandna nwieġbu?

Jekk aħna norbtu fuq il-għajdud u l-fehmiet ta' dawk li minn issa lura kienu jmexxu l-pulitka ta' Malta, aħna nsibu taħlita ta' fehmiet li tħawdilna moħħna u ġġagħalna nwieġbu bit-temtim għall-mistoqsijiet tal-barrani. Xi wħud minn dawn li semmejna, għall-interessi tagħhom, kienu jħambqu li aħna Taljani; oħrajn, għal l-istess interessi, dejjem għajtu li aħna Feniċi jew Kartaġiniżi.

Liema minn dawn iż-żewġ fehmiet, kienet sewwa?

Minn għalina l-ebda waħda minnhom, għax jekk aħna nqallbu bil-ħerqa l-folji ta' ġrajjiet pajjiżna dlonk insibu tweġiba li tfehemna tajjeb dak li aħna *l-lum* u mhux dak li konna fiż-żmien *l-imghoddi*. Il-ġrajja tagħna turina sewwa li l-poplu Malti, kif jidher il-lum, mhux ħaġ' oħra ħlief il-ħruġ tal-istorja tiegħu: jiġifieri nisel il-ġnus kollha, li xi darba, fil-milja, tal-istorja kellhom x'jaqsmu magħna. Hekk mela sar il-poplu Malti. Xi ġnus resqu lejn pajjiżna mill-